



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 51/23

Il-Lussemburgu, 21 ta' Marzu 2023

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-100/21 | Mercedes-Benz Group (Responsabbiltà tal-manifatturi ta' vetturi mgħammra b'apparat ta' manipulazzjoni)

Ix-xerrej ta' vettura bil-mutur mgħammra b'apparat ta' manipulazzjoni illegali jibbenefika minn dritt għal kumpens min-naħa tal-manifattur tal-vetturi bil-mutur meta l-imsemmi apparat ikun ikkawża dannu lil dan ix-xerrej

Minbarra interessi ġenerali, id-dritt tal-Unjoni jipproteġi wkoll l-interessi partikolari tax-xerrej individwali ta' vettura bil-mutur fil-konfront tal-manifattur tagħha meta din il-vettura tkun mgħammra b'apparat ta' manipulazzjoni pprojbit

Il-Qorti Reġjonali ta' Ravensburg (il-Ġermanja) ġiet adita b'rikors għad-danni bejn individwu (QB) u Mercedes-Benz Group. Din l-azzjoni għadizzjarja għandha l-għan li jiġi kkompensat id-dannu li Mercedes-Benz Group allegatament ikkawżat billi għammret vettura b'magna diesel, mixtrija minn QB, b'softwer li jnaqqas ir-rata ta' riċirkulazzjoni tal-gassijiet tal-egżost meta t-temperaturi esterni jkunu jinsabu taħt ċertu limitu. Tali apparat ta' manipulazzjoni, li għandu bħala konsegwenza żieda ta' emissjonijiet ta' ossidu tan-nitroġenu (NOx), huwa pprojbit mir-Regolament Nru 715/2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali.

Skont id-dritt Ġermaniż, fil-każ ta' sempliċi negliġenza, jista' jkun hemm dritt għal kumpens meta jkun hemm ksur ta' liġi intiża li tiproteġi lil oħrajn. Għalhekk, il-qorti Ġermaniża tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2007/46 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur (iktar 'il quddiem id- "Direttiva Qafas"), moqrija flimkien mar-Regolament Nru 715/2007, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jiproteġu l-interessi partikolari ta' xerrej individwali ta' tali vettura. Fir-rigward tal-kalkolu tal-ammont tal-kumpens possibbilment dovut lil QB, il-Qorti Reġjonali ta' Ravensburg tixtieq barra minn hekk tkun taf jekk huwiex neċċessarju, sabiex jingħata effett prattiku lid-dritt tal-Unjoni, li l-benefiċċju mislut mill-użu tal-vettura ma jkunx imputat fuq id-dritt għal kumpens, jew li jkun imputat limitattivament.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tispjega preliminarjament li hija l-qorti Ġermaniża li għandha twettaq l-evalwazzjonijiet fattwali neċċessarji sabiex tistabbilixxi jekk is-softwer tal-programmazzjoni inkwistjoni jistax jiġi kklassifikat bħala apparat ta' manipulazzjoni fis-sens tar-Regolament Nru 715/2007 u jekk l-użu tiegħu jistax jiġi ġġustifikat abbażi ta' waħda mill-eċċezzjonijiet previsti minn dan ir-regolament ¹.

Fir-rigward tal-interessi protetti mir-Regolament Nru 715/2007, minbarra l-għan ġenerali intiż li jiġi ggarantit livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent, il-Qorti tal-Ġustizzja tiegħu inkunsiderazzjoni l-qafas regolatorju l-iktar wiesa' tal-approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur fl-Unjoni li l-imsemmi regolament jaqa' fih. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, konformement mad-Direttiva Qafas, il-vetturi għandhom ikunu s-suġġett ta' approvazzjoni tat-tip KE, u din

¹ Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Lulju 2022, GSMB Invest, [C-128/20](#) (ara [SI Nru 124/22](#)), u tas-17 ta' Diċembru 2020, CLCV et (Apparat ta' manipulazzjoni fuq magni diesel), [C-693/18](#) (ara [SI Nru 170/20](#)).

tista' biss tingħata jekk it-tip ta' vettura tissodisfa d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 715/2007, b'mod partikolari dawk relatati mal-emissjonijiet. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li, skont id-Direttiva Qafas, il-manifatturi tal-vetturi huma marbuta jagħtu ċertifikat ta' konformità lix-xerrej individwali. Dan id-dokument, obbligatorju, fost l-oħrajn, għall-finijiet ta' tteqgħid fiċ-ċirkulazzjoni ta' vettura, jiċċertifika li din tal-aħħar tissodisfa l-atti regolatorji kollha fil-mument tal-produzzjoni tagħha. B'hekk, iċ-ċertifikat ta' konformità jippermetti li xerrej individwali ta' vettura jiġi protett kontra l-inosservanza, min-naħa tal-manifattur, tal-obbligu tiegħu li jqiegħed fis-suq vetturi konformi mar-Regolament Nru 715/2007.

Dawn il-kunsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li **d-Direttiva Qafas tistabbilixxi rabta diretta bejn il-manifattur tal-vetturi bil-mutur u x-xerrej individwali ta' vettura bil-mutur intiża li tiggarrantixxi li din il-vettura tkun konformi mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni**. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Qafas, moqrija flimkien ma' dawk tar-Regolament Nru 715/2007, **jiproteġu**, minbarra l-interessi ġenerali, **l-interessi partikolari tax-xerrej individwali ta' vettura bil-mutur fil-konfront tal-manifattur tagħha meta din il-vettura tkun mgħammra b'apparat ta' manipulazzjoni pprojbit**. **L-Istati Membri huma għaldaqstant marbuta jipprovdu li x-xerrej ta' tali vettura jibbenefika minn dritt għal kumpens min-naħa tal-manifattur tiegħu**.

Fl-assenza ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jirregolaw il-modalitajiet ta' ksib ta' kumpens mix-xerrejja kkonċernati mix-xiri ta' vettura mgħammra b'apparat ta' manipulazzjoni pprojbit, kull Stat Membru għandu jiddetermina dawn il-modalitajiet. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tindika li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tistax tirrendi impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-ksib ta' kumpens xieraq għad-danni kkawżati lix-xerrej. Jista' wkoll jiġi pprovdut li l-qrati nazzjonali għandhom jiżguraw li l-protezzjoni tad-drittijiet iggarantiti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni ma timplikax arrikkiment indebitu tal-aventi kawża. Fil-kawża ineżami, il-Qorti Reġjonali ta' Ravensburg għandha tivverifika jekk l-imputazzjoni tal-benefiċċju mislut mill-użu effettiv tal-vettura minn QB tiżgurax fil-konfront tiegħu kumpens xieraq għad-dannu li huwa jkun effettivament ġarrab wara l-installazzjoni, fil-vettura tiegħu, ta' apparat ipprojbit mid-dritt tal-Unjoni.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

